MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Numru 354/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Versus**

**Melvin Zammit**
**Anthony Mark Micallef**
**Mario Demanuele**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Melvin Zammit ta’ 25 sena bin Martin u Mary nee’ Camilleri, imwieled il-Pieta’ fis-7 ta’ Settembru, 1981 u

residenti Block G Flat 4 Triq Santa Clara Żabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 490481(M)[1]

Anthony Mark Micallef ta' 27 sena bin Anthony (mejjet) u Emanuela nee' Sammut, imwieled Pieta' fil-25 t'April 1979 residenti 15 Triq l-Imtarfa, u detentur tal-akrta ta' l-identita' bin-numru 209679(M); u

Mario Demanuele ta' 22 sena, bin Joseph u Margaret nee' Mizzi imwieled Pieta' fl-4 ta' Novembru 1984 residenti f'20 Marjoe Triq iż-Żejtun, Tarxien u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 537084 (M).

Akkużati talli f'dawn il-Gżejjer, f'Jannar 2007 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda

(a) għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijeit, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew bili daħħlu pattijiet, dispożizzjonijiet , obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li keinu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ċertifikati tal-VRT foloz;

(b) kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda minħabba l-kariga jew l-impieg tagħhom kienu fid-dmir li jagħmlu jw jaġġtu dikjarazzjoni jew ċertifikat u għamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz u cieo' ċertifikati tal-VRT foloz;

[1] Indirizz Mibdul minn dak li jidher fiċ-ċitazzjoni bħala 'Elmar House' Triq Angelo Melilli, Żebbuġ

(ċ) u aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda għamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li setgħet tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, u cioe' ċertifikat tal-VRT foloz;

(d) kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'dispożizzjoni waħda sabiex jiksbu vantaġġ jew benefiċċju għalihom jew għal ħadd ieħor, f'xi document maħsub għal xi awtorita' pubblika xjenetment għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz u cieo' ċertifikati tal-VRT foloz;

Lil **Melvin Zammit** waħdu

(e) Talli b'hekk ikkometta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza tagħha ta' nhar it-2 ta' Marzu 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Lil **Anthony Mark Micallef** waħdu.

(e)(1) Talli sar reċidiv ai termini ta' l-artikolu 49 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 14 ta' Novembru 21005 liema sentenza saet definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ntalbet ukoll li f'każ ta' ħatra ta' esperti, jekk jinstabu ħatja, l-imputati jħallsu wkoll l-ispejjeż ta' l-esperti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid ta' l-imputati 5370 ta' l-1984 ta' Mario Demanuele, 4904 ta' l-1981 ta' Melvin Zammit u 2096 ta' l-1979 ta' Anthony Mark Micallef , il-fedini penali tat-tliet imputati, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali (fol.9) sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-kunsens ta' l-imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, id-dokumenti esibiti mill-Prosekuzzjoni, l-eżenzjoni magħmula mid-difiża biex il-Proekuzzjoni ma ttellax xheida dwar l-identita' tal-persuni

li jidhru fis-sentenzi esibiti, is-sentenzi mogħtija fit-2 ta' Marzu 2006 'Il-Pulizija versus Melvin Zammit ID 490481(M))' u l0ħra mogħtija fl-14 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Mark Anthony Micallef' u l-ammissjoni rreġsitrata mit-tleit imputati fis-seduta tat-28 t'April, 2008.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament, in partikolari dik ta' l-Ispetteur Angelo Gafa' li spjega x'kien seħħ. Fil-qosor xi individwi ma kinux tellgħu l-karozzi tagħhom għat-test iżda kellhom il-VRT certificate. Kien hemm persuni oħra li għarrfu lill-Ispettur li l-firem li kien hemm fuq xi ċertifikati ma kinux tagħhom.

Semgħet lix-xhieda Andrew Spiteri u Karen Camilleri.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputazzjonijiet magħmula mit-tliet imputati fit-28 t'April, 2008 liema ammissjoni huma kkonfermaw wara li ngħataw żmien xieraq biex jaħsbuha.

Stante din l-ammissjoni l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati kollha huma ppruvati skond il-Liġi.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni magħmula mill-Ispettur Angelo Gafa' li biha huwa spjega l-għajnuna li kienu taw it-tliet imputati lill-Pulizija.

**Konklużjoni**

(i) Il-Qorti, wara li fil-konfront tat-tliet imputati rat l-artikoli 17(h), 18, 183, 185(2), 187(1) u 188 tal-Kap 9

(ii) U fil-konfront ta' Melvin Zammit, barra l-artikoli msemmija fis-sub-paragrafu (i), rat ukoll l-artikoli 28A u 28B(2)(b) ta' l-istess Kap 9;

(iii) U fil-konfront ta' Anthony Mark Micallef, barra l-artikoli msemmija fis-sub-paragrafu (i) rat ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9

Issib lill-imputat Mario Demanuele ħati ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet b'dan pero' li t-tieni, it-tielet u r-raba'

imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni. Flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien 16-il xahar mil-lum

Issib lill-imputat Melvin Zammit ħati tal-ħames imputazzjonijiet dedotti kontrih iżda b'dan pero' li t-tieni, it-tielet, u r-raba' imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti qieset dak li qalet il-Prosekuzzjoni dwar l-għajnuna mogħtija lill-Pulizija u għalhekk qed tiddisponi kif ġej:

(i) dwar l-ewwel erba' imputazzjonijiet flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien 19-il xahar mil-lum;

(ii) dwar il-ħames imputazzjoni (dik dwar is-sentenza sospiża) qed tapplika l-artikolu 28B (2)(b) tal-Kap 9 u qed tvarja l-perjodu msemmi fis-sentenza tat-2 ta' Marzu 2006, billi flok dan jibqa' għal sentejn ikun sostitwit b'terminu ġdid ta' tliet snin li jibda jiddekorri mil-lum.

Issib lill-imputat Anthony Mark Micallef ħati tal-ħames imputazzjonijiet bil-ħames waħda mmarkata 5(1) b'dan pero' li t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni. Flok tikkundannah il-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien 19-il xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati li flok kienu kkundannati kienu liberati b'kundizzjoni

(a) L-artikolu 22 tal-Kap 446 u għamlitha ċara li jekk il-kundizzjoni tinkiser ikun ifisser li s-sentenza li kienu patibbli għaliha illum tkun attwata flimkien ma' kull piena oħra għal xi reat ġdid. u
(b) Lill-imputat li kellha varjazzjoni fis-sentenza ta' priġunerija sospiża anteċedenti li jekk iwettaq xi reat ieħor fit-tliet snin li ġejjin ikun suġġett mhux biss għall-piena tar-reat il-ġdid iżda wkoll il-15-il xahar priġunerija li jkunu miżjuda mal-piena l-ġdida.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------